# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL
## Għad-Dilettanti tar-Radju
## Maltin u Għawdxin

### Numru 30

settembru 2008

# Fiċ-Ċentru mhux  permess tipjip



## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Settembru 2008 li hija t-30 ħarġa ta' din is-sensiela.

Kif għedtilkom l-aħħar darba, s'issa irnexxili nsib għandi tliet fuljetti li kienet toħroġ il-**MARL** qabel u qed nikkuppjahom fuq format **PDF** ħalli nkunu nistgħu nerġgħu nippubblikawhom fuq il-paġna ta' l-internet tagħna ħalli kulħadd ikollu aċċess għalihom. L-ewwel wieħed għandi l-ħsieb li noħorġu f'Settembru.

Nerġa' nappella biex kull min għandu xi kopja ta' xi fuljett li kienu joħorġu qabel din is-sensiela jekk jogħġbu jgħaddiha lili ħalli nkun nista' nagħmel kopja u mbagħad nerġa' ngħaddiha lura. Inroddilkom ħajr tal-koperazzjoni tagħkom bil-quddiem.

Nhar is-Sibt 20 ta' Settembru żammejna l-BBQ ta' tmiem is-Sajf fiċ-Ċentru tagħna Ħ'Attard li kien suċċess. Inrodd ħajr lil dawk kollha li ġew u ħadu pjaċir magħna u nittama li jkomplu jiġu kull meta norganizzaw xi attivita'.

Issa li qed nersqu lejn jiem aktar kesħin nistennew li l-membri tagħna jersqu aktar lejn iċ-Ċentru. L-Għaqda ma hija xejn mingħajr il-membri u ċ-Ċentru tagħna huwa l-post fejn jistgħu jiltaqgħu l-membri f'atmosfera familjari, kemm biex jgħaddu ftit tal-ħin ma' dilettanti tar-radju oħra kif ukoll biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom biex ikabbru t-tagħrif dwar id-delizzju tagħna.

Tajjeb li tkunu tafu li issa li għandna l-grupp ta' emerġenza li qiegħed jaħdem id f'id mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u wera li kapaċi jipprovdi komunikazzjonijiet meta meħtieġ, l-awtoritajiet aktar qed iħarsu lejna b'lenti differenti.

Dan jiswa wkoll biex awtoritajiet oħra bħal ma huma l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni juru aktar koperazzjoni, u għalkemm ingergru minħabba li meta nitolbu frekwenzi oħra nsibu diffikultajiet, nifhem li minħabba proċeduri li jkunu jridu jsiru t-talbiet tagħna ma jkunux jistgħu jintlaqgħu malajr daqskemm inkunu nixtiequ aħna.

Biss issa ninsabu miexjin aħjar u nistennew li xi talbiet tagħna jintlaqgħu fil-ġejjieni qrib, bħal ngħidu aħna, l-allokazzjoni fuq il-frekwenza tal-136 kHz.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

# Ftit ħoloq ta’ l-internet

Mini Ring Core Calculator
Kalkulatur b’xejn għall-windows biex tikkalkula n-numru ta’ dawrien fuq toroids.
http://www.dl5swb.de/html/mini_ring_core_calculator.htm

PA3AKE's H-mode mixer Frontend
Interessanti ħafna
http://www.xs4all.nl/~martein/pa3ake/hmode/index.html

Grupp Homebrew radios
http://www.homebrew-radios.net/

# GlobalSet

Dawk id-dilettanti tar-radju li qegħdin fil-grupp ta’ l-emerġenza qed infakkruhom li l-eżerċizzju ta’ simulazzjoni ta’ emerġenza li jmiss se jsir nhar is-**Sibt, 8 ta’ Novembru, 2008**, bejn **04.00** u **08.00 UTC**.

Il-frekwenzi se jkunu **80M**, **40M**, **20M**, **17M**, u **15M**, u jistgħu jintużaw **CW**, **SSB** u sistemi ta’ **DATA**.

Dawn l-eżerċizzji ta’ simulazzjoni ta’ emerġenza jkunu qed isiru madwar id-dinja kollha fl-istess ħin, u għalhekk dawk li jisimgħu stazzjonijiet li jkunu qed jieħdu sehem f’dawn l-eżerċizzji ta’ emerġenza huma mitluba biex ma jagħmlulhomx interferenza u jħallu l-frekwenzi ħielsa.

Ftakru li emerġenza tista’ tinqala’ kullimkien, u huwa meħtieġ li jkun hemm dilettanti tar-radju mħarrġa tajjeb f’kull pajjiż biex jipprovdu komunikazzjonijiet ta’ emerġenza jekk tinqala’ l-ħtieġa.

Dawn iservu wkoll biex dawk li m’humiex parti mill-grupp ta’ emerġenza li minħabba raġunijiet prattiċi huwa limitat, ikunu jistgħu jissemmgħu u jservu ħalli anki huma jkunu jafu kif taħdem is-sistema għaliex ħadd ma jaf meta tinqala’ xi emerġenza u kemm ikunu meħtieġa nies f’ċirkostanzi partikolari.

Aktar dettalji ntbagħtu direttament lil dawk id-dilettanti tar-radju li qegħdin fil-grupp ta’ emerġenza.

# 136 kHz

L-Awstralja se tingħaqad ma’ madwar 30 pajjiż ieħor li d-dilettanti tar-radju tagħhom diġa’ ingħataw permess li jużaw il-frekwenza ġdida minn135.7 sa 137.8kHz.

L-abbozz tal-Pjan ta’ l-Ispettrum tal-Frekwenzi tar-Radju ta’ l-Awstralja inħareġ mill-Awtorita’ tal-Komunikazzjoni u l-Awtorita’ tal-Medja u għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2009.

Il-Pjan jinkludi l-frekwenzi bejn 135.7 sa 137.8kHz għas-servizz tad-dilettanti tar-radju fuq bażi sekondarja.

Dan ifisser li d-dilettanti tar-radju ma jistgħux jagħmlu interferenza għal stazzjonijiet tas-servizz ta' navigazzjoni bir-radju li jistgħu jkomplu jaħdmu f'numru ta' pajjiżi. L-akbar saħħa tal-mewġ tar-radju hija ta' watt wieħed EIRP.

Is-sena l-ġdida se tara lid-dilettanti tar-radju Awstraljani b'liċenzja avvanzata jieħdu din il-frekwenza bħala privileġġ ġdid.

Minħabba li f'Malta qed nistennew li mill-1 ta' Jannar ningħataw permess nużaw din il-frekwenza, hawnhekk għandkom tabella li turikom ir-rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza tal-IARU 2001 li kien hemm dwar kif tintuża. Dawn jistgħu jiġu reveduti fil-Konferenza tal-IARU Reġjun 1 f'Novembru li ġej.

| | |
|---|---|
| **135.7 – 136.0** | **Provi & tieqa ta' riċezzjoni transatlantika** |
| **135.9 – 135.98** | **Tieqa transatlantika preferuta għal trasmissjonijiet mill-Ewropa lejn l-Amerika ta' fuq ta' cw bil-mod ħafna CW (QRSS)** |
| **135.980 - 136.050** | **Tieqa transatlantika preferuta għal kuntatti Europa/America ta' fuq** |
| **136.0 - 137.4** | **CW** |
| **137.4 - 137.6** | **Modi mhux CW modes (Hell, Wolf, PSK, eċċ.)** |
| **137.6 - 137.8** | **Cw bil-mod ħafna CW (QRSS) iċċentrat fuq 137.7** |
| **137.700 - 137.800** | **Tieqa transatlantika preferuta għal trasmissjonijiet mill-Amerika ta' fuq lejn l-Ewropa** |

## Fanali tar-Radju

Ħafna dilettanti tar-radju jafu dwar fanali tar-radju, bl-Ingliż beacons, li joperaw fuq il-freqwenzi tagħna u jintużaw bħala mezz biex wieħed ikun jaf jekk hemm propagazzjoni tajba u lejn liema nħawi tad-dinja.

Hemm numru minn dawn il-fanali fuq frekwenzi differenti li huma mħaddma minn dilettanti tar-radju personalment, imma hemm ukoll oħrajn li huma organizzati biex jittrasmettu fuq l-istess frekwenza minn postijiet differenti fid-dinja u għalhekk huma sinkronizzati biex jittrasmettu wara xulxin.

Għalhekk illum se nagħtikom ftit ħoloq ta' l-internet li minn fuqhom tkunu tistgħu tniżżlu aktar informazzjoni.

Din hija l-ħolqa tan-NCDXF (North Carolina DX Foundation) minn fejn tistgħu tniżżlu dettalji dwar dawn il-fanali.

Programm monitoraġġ tan-NCDXF (North Carolina DX Foundation) kif ukoll ħoloq għal programmi oħra
http://www.dxatlas.com/

Ħoloq biex tniżżlu informazzjoni dwar dawn il-fanali
http://www.iaru.org/articles/9410031.pdf
http://www.iaru.org/articles/9411049.pdf
http://www.iaru.org/articles/9709047.pdf

Hawnhekk għandkom ftit dettalji dwar il-ħinijiet li dawn il-fanali jittrasmettu ħalli tkunu tistgħu tippruvaw tisimgħuhom jekk tkunu tridu tafu kif inhija l-propagazzjoni.

## Tabella 1—Skeda tal-Fanali tar_Radju

Din it-tabella tagħti l-minuti u sekondi kull siegħa tal-bidu ta' l-ewwel trasmissjoni fuq kull frekwenza ta' kull fanal Kull trasmissjoni hija repetuta kull tliet minuti. Il-ħinijiet attwali ta' trasmissjoni huma bejn wieħed u ieħor 20 ms wara l-ħin nominali muri, minħabba dewmien ta' meta jinxtehelu t-transmettituri.

Kull transmettitur jittrasmetti kull tliet minuti lejl u nhar. Kull trasmissjoni tikkonsisti fin-nominattiv tal-fanal u warajha trasmissjoni ta' erba' daxxijiet ta' sekonda. In-nominattiv u l-ewwel daxx huma mibgħuta b'100 watts, id-daxxijiet l-oħra huma mibgħuta b'10 watts, 1 watt u 100 milliwatts.

Biex tara r-rapporti ta' riċezzjoni mid-DX Summit għafas fuq in-nominattiv.

Jekk tisma xi fanal issa ibgħat rapport fuq http://oh2aq.kolumbus.com/dxs/input2.html?
Lid-DX Summit

Din it-tabella li ġejja hija mniżżla minn fuq http://www.ncdxf.org.

| Call | | Location | 14.100 | 18.110 | 21.150 | 24.930 | 28.200 | Operator | Status |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4U1UN | | United Nations | 00:00 | 00:10 | 00:20 | 00:30 | 00:40 | UNRC | OK |
| VE8AT | | Canada | 00:10 | 00:20 | 00:30 | 00:40 | 00:50 | RAC/NARC | OK[1] |
| W6WX | | United States | 00:20 | 00:30 | 00:40 | 00:50 | 01:00 | NCDXF | OK |
| KH6WO | | Hawaii | 00:30 | 00:40 | 00:50 | 01:00 | 01:10 | KH6BYU | OK |
| ZL6B | | New Zealand | 00:40 | 00:50 | 01:00 | 01:10 | 01:20 | NZART | OFF[5] |
| VK6RBP | | Australia | 00:50 | 01:00 | 01:10 | 01:20 | 01:30 | WIA | OFF[5] |
| JA2IGY | | Japan | 01:00 | 01:10 | 01:20 | 01:30 | 01:40 | JARL | OK |
| RR9O | | Russia | 01:10 | 01:20 | 01:30 | 01:40 | 01:50 | SRR | OK |
| VR2B | | Hong Kong | 01:20 | 01:30 | 01:40 | 01:50 | 02:00 | HARTS | OFF[6] |
| 4S7B | | Sri Lanka | 01:30 | 01:40 | 01:50 | 02:00 | 02:10 | RSSL | OK |
| ZS6DN | | South Africa | 01:40 | 01:50 | 02:00 | 02:10 | 02:20 | ZS6DN | OK |
| 5Z4B | | Kenya | 01:50 | 02:00 | 02:10 | 02:20 | 02:30 | ARSK | OK |
| 4X6TU | | Israel | 02:00 | 02:10 | 02:20 | 02:30 | 02:40 | IARC | OK[3] |
| OH2B | | Finland | 02:10 | 02:20 | 02:30 | 02:40 | 02:50 | SRAL | OK |
| CS3B | | Madeira | 02:20 | 02:30 | 02:40 | 02:50 | 00:00 | ARRM | OK |
| LU4AA | | Argentina | 02:30 | 02:40 | 02:50 | 00:00 | 00:10 | RCA | OK |
| OA4B | | Peru | 02:40 | 02:50 | 00:00 | 00:10 | 00:20 | RCP | OK |
| YV5B | | Venezuela | 02:50 | 00:00 | 00:10 | 00:20 | 00:30 | RCV | OK |

1 – Operazzjoni tista’ tkun intermittenti minħabba kundizzjoniet lokali.

2 – Se jittieħed f’post ġdid.

3 – Tiġdid qed jikkawżaw tul ta’ żmien mingħajr ma jaħdem.

4 – Mitfi għal xi raġuni mhux magħrufa. Qed nippruvaw nikkuntattjaw l-operaturi.

5 – Mitfi minħabba problemi fl-apparat. Qed jissewwa.

6 – L-antenna inqerded mit-tifun f’Awissu. Antenna ġdida se tiġi mwaħħla.

Ir-recordings ġew magħmula minn VE3SUN http://www.benlo.com/ve3sun.html bl-użu ta’ TS-50 u Cushcraft R-7 imwaħħla 2 metri ‘il fuq mill-art.

Jekk issib din l-informazzjoni mhux eżatta jekk jogħġbok ikkuntattjana http://www.ncdxf.org/beacon/BeaconContact.html

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Singapore

Singapore se jibda jagħti liċenzji temporanji ghad-dilettanti tar-radju li jkunu qed iżuru l-pajjiż.

Dan ġie mħabbar fid-9 ta’ Ottubru 2008 mill-Għaqda Singapore Amateur Radio Transmitting Society (SARTS) – li hija l-Għaqda li tirrappreżenta lid-dilettanti tar-radju tal-pajjiż u hija membru fil-IARU.

L-Għaqda ħabbret li l-Awtorita’ għall-Iżvilupp ta’ l-Infokomunikazzjoni (IDA) se tibda toħroġ liċenzji ta’ dilettanti tar-radju temporanji lid-dilettanti li jkunu qed iżuru l-pajjiż. L-IDA hija l-aġenzija responsabbli mil-liċenzji tad-Dilettanti tar-Radju f’Singapore.

Skond il-Viċi President ta’ SARTS **Peter Cook**, **9V1PC**, dilettanti li jkunu qed iżuru l-pajjiż għandhom japplikaw tliet ġimgħat qabel ma jaslu Singapore.

Il-liċenzja li tipikament hija valida għal tliet xhur tiswa 50 dollaru ta’ Singapore (jew $25 għal operazzjoni fuq il-VHF/UHF biss), jużaw 9V1/nominattiv tagħhom (bħala eżempju **9V1/9H1MRL**).

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.ida.gov.sg/doc/Policies%20and%20Regulation/Policies_and_Regulation_Level2/Guidelines%20on%20Licensing%20Scheme/GuideAmateur.pdf

### Antenni u Angolu ta’ Trasmissjoni

Hawnhekk għandkom dettalji dwar l-angolu ta’ trasmissjoni u t-tul li jintlaħaq meta t-trasmissjoni tiġi riflessa mir-reġjun F2, kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl.

## Angolu ta' trasmissjoni vs Distanza

| Angolu ta' Trasmissjoni | Distanza Reġjun F2 matul il-jum | | Distanza Reġjun F2 bil-lejl | |
|---|---|---|---|---|
| Gradi | kilometri | mili | kilometri | mili |
| 0 | 3220 | 2000 | 4508 | 2800 |
| 5 | 2415 | 1500 | 3703 | 2300 |
| 10 | 1932 | 1200 | 2898 | 1800 |
| 15 | 1450 | 900 | 2254 | 1400 |
| 20 | 1127 | 700 | 1771 | 1100 |
| 25 | 966 | 600 | 1610 | 1000 |
| 30 | 725 | 450 | 1328 | 825 |
| 35 | 644 | 400 | 1127 | 700 |
| 40 | 564 | 350 | 966 | 600 |
| 45 | 443 | 275 | 805 | 500 |
| 50 | 403 | 250 | 685 | 425 |
| 60 | 258 | 160 | 443 | 275 |
| 70 | 153 | 95 | 290 | 180 |
| 80 | 80 | 50 | 145 | 90 |
| 90 | 0 | 0 | 0 | 0 |

## Għoli ta' l-Antenna u Ostakoli

Din it-tabella turi t-tul meħtieġ bejn l-antenna u ostakoli għal numru ta' angoli ta' trasmissjoni meta antenna hija għolja 30 pied li huwa għoli raġonevoli għal ħafna nies u siġar li huma għolja 75 pied. Għalkemm it-tabella tirreferi għas-siġar, dan jgħodd għal kull ostakolu.

### Nassumu antenna għoli ta' 30 pied u siġar għolja 75 pied

| Angolu ta' trasmissjoni gradi | Bogħod orizzontali meħtieġ mis-siġar |
|---|---|
| 0 | 18-il kilometru |
| 5 | 1932 metri |
| 10 | 966 metri |
| 15 | 644 metri |
| 20 | 483 metri |
| 25 | 370 metri |
| 30 | 298 metri |
| 35 | 241 metri |
| 40 | 201 metri |
| 45 | 169 metri |
| 50 | 145 metri |
| 60 | 105 metri |
| 70 | 64 metri |
| 80 | 32 metri |
| 90 | 0 metri |

Nittama li din l-informazzjoni minn ktieb tas-servizz Amerikan ssibuha siewja għalikom.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Il-Ġamboree ta' l-Iscouts

Il-ġamboree tar-radju ta' l-iscouts din is-sena nżamm fi tmiem il-ġimgħa 19 u 20 ta' Ottubru. Dan l-avveniment li jsir kull sena huwa l-51 ġamboree fejn l-iscouts jikkomunikaw permezz tar-radju ta' dilettanti tar-radju ma scouts oħra madwar id-dinja.

Tajjeb li nfakkru li din is-sena taħbat ukoll il-100 sena mit-twaqqif tal-moviment ta' l-iscouts f'Malta.

Naf li kien hemm numru ta' stazzjonijiet minn Malta li ħadu sehem.

Għalhekk dawk kollha li jogħġobhom jgħadduli xi ritratti nkun nista' nagħmilhom fuq dan il-fuljett.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## DXpedizzjoni fuq il-Gżira Desecheo

Għal dawk li jħobbu jaħdmu xi dxpedizzjoni, fil-bidu tas-sena d-dieħla se jkun hemm dxpedizzjoni fuq il-gżira **Desecheo**. Din il-gżira tinsab 14-il mil fil-punent ta' **Puerto Rico** u fuqha ma joqgħodux nies.

Il-prefiss huwa **KP5** u l-pożizzjoni tal-gżira hija **18.33N – 18.43N** u **67.42W – 67.53W.** Din hija santwarju ta' l-annimali u biex tmur fuqha trid permess speċjali mingħand il-US Fish and Wildlife Service.

Tajjeb li tkunu tafu li fuq il-gżira hemm ukoll fdalijiet ta' bombi ghax il-militar Amerikan kien jużaha għal taħriġ ta' bumbardamanti bħal ma kien isir fuq **Filfla**.

Biex nagħmluha aktar faċli għalikom, se nagħtukom xi mapep ħalli tkunu tafu fejn tinsab u lejn fejn tridu ddawru l-antenni taghkom.






**Desecheo hija mmarkata bl-ittra A blu**






## E-mails

Hawnhekk għandkom xi ftit e-mails ta' dilettanti tar-radju biex min ikun irid jikkomunika magħhom permezz ta' l-internet ikun jista'. Jekk hemm oħrajn li jridu jgħadduli l'e-mail tagħhom inroddilhom ħajr bil-quddiem.

| | |
|---|---|
| **9H1M Dominic Azzopardi** | dominic9h1m <at> yahoo.com |
| **9H1AA George Galea** | geoga2000 <at> yahoo.co.uk |
| **9H1AK Alfred Agius** | agiusalfred <at>gmail.com , alfagius <at> mail.global.net.mt |
| **9H1AL Albert Agius** | alb <at> mail.global.net.mt |
| **9H1AZ Gaetano Pace** | gaet9h1az <at> global.net.mt |
| **9H1CC Charlie Giuliano** | cgiulian2 <at> onvol.net |
| **9H1CO Claude Markham** | 9h1cocam <at> maltanet.net |
| **9H1CS Steve Cesare** | stecesare <at> nextgen.net.mt |
| **9H1ES Fortunato Bonnici** | fbonnici <at> hotmail.com |
| **9H1GB Mansueto Grech** | mansueto.grech <at> gmail.com |
| **9H1HD Charlie Grech** | nevitron <at> onvol.net |
| **9H1RA Ray Abela** | 9h1ra <at> maltanet.net |
| **9H1XE Edwin Pavia** | edwinpavia <at> gmail.com |
| **9H1FX Noel Scerri** | exsatco <at> onvol.net |
| **9H1GP Mark Vella** | vella <at> maltanet.net |

| | |
|---|---|
| **9H1HQ Anthony Spiteri** | marinfly <at> maltanet.net |
| **9H1JL Joe Lewis Abdilla** | tikku <at>onvol.net |
| **9H1LE Jason Schembri** | 9h1le <at> onvol.net |
| **9H1MC Charles Martin** | vanmar <at> nextgen.net.mt |
| **9H1PA Philip Aquilina** | phillipa <at> maltanet.net |
| **9H1PI Ivan Privitera** | ivan.privitera <at> gmail.com |
| **9H1RA Ray Abela** | 9h1ra <at> maltanet.net |
| **9H1RN Jim Banner** | jim.banner <at> global.net.mt |
| **9H1PS Arthur Borg** | 9h1ps <at> maltanet.net |
| **9H1RV Vincent Runza** | vince9h1rv <at> onvol.net |
| **9H1TX David Cutajar** | davcut <at> maltanet.net |
| **9H1VC James** | cqde9h1vc <at> onvol.net |
| **9H1VW Joe Falzon Scerri** | 9h1vw <at> maltanet.net; |
| **9H1XT John Scicluna** | 9h1xt <at> onvol.net |
| **9H1ZA Vladimir Krylov** | 9h1za <at> onvol.net |
| **9H4DX Michael Muscat** | 9h4dx <at> maltanet.net |
| **9H5OU Joseph Agius** | scor106 <at> waldonet.net.mt |
| **9H5SN Marco Xiberras** | markxib <at> maltanet.net |

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## 70MHz

Waqt li min-naħa tagħna għamilna kemm stajna biex ningħataw din il-frekwenza s'issa ghad ma rnexxilniex u ma tantx jidher li hemm ċans li ninghatawha fil-futur qrib. Dan meta r-Renju Magħqud ilhom iktar minn 50 sena jużaw din il-frekwenza u kull ma jmur qed ikun hemm iktar pajjiżi li qed jagħtuha lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

Dawn li ġejjin huma pajjiżi li d-dilettanti tar-radju tagħhom jistgħu wkoll jużaw din il-frekwenza. Aktar l-isfel se nagħtikom lista ta' fanali tar-radju li wkoll jinsabu fuq din il-frekwenza. Din l-informazzjoni hija mill-Practical Wireless.

**Pajjiżi**
**Kroazja**
**Danimarka**
**Estonja**
**Gżejjer Faroe**
**Greċja**
**Greenlandja**
**Irlanda**
**Lussemburgu**
**Monako**
**Portugall**
**Slovenja**
**Afrika t'Isfel**
**Renju Magħqud (G, GD, GI, GJ, GM, GU, GW)**
**Gibilta'**
**Repubblika Ċeka**
**Ġermanja**

**Italja**
**Ordni Militari Sovrana ta' Malta 1A**
**Belt tal-Vatikan**

## Fanali tar-Radju

| Frek | Nominattiv | Post | Lokatur | Saħħa W | Antenna |
|---|---|---|---|---|---|
| 70.000 | GB3BUX, | Derbyshire, | IO93BF, | 20 | 2x Turnstile |
| 70.007 | GB3WSX | Somerset | IO80QW | 150 | 5 el $70^0$ |
| 70.016 | GB3BAA | Hertforshire | IO91PS | 20 | Dipol |
| 70.016 | SV5FOUR | Greċja | KM46CK | 5 | 5 el Yagi $315^0$ |
| 70.020 | GB3ANG | Dundee | IO86MN | 100 | 3 el Yagi $160^0$ |
| 70.021 | OZ7IGY | Danimarka | JO55WM | 25 | Rota Kbira |
| 70.025 | GB3MCB | Cornwall | IO70OJ | 40 | 2 el Yagi $45^0$ u $135^0$ |
| 70.027 | GB3CFG | Co. Antrim | IO74CR | 20 | 2x3 el Yagi $45^0$ u $135^0$ |
| 70.029 | S55ZMB | Slovenja | JN76VK | 6 | 4 el Yagi $135^0$ |
| 70.031 | G4JNT/P | Dorset | IO80UU | 0.6 | Dipol |
| 70.035 | OY6BEC | Gzejjer Faroe | IP62OA | 25 | 2 el Yagi $135^0$ |
| 70.040 | SV1FOUR | Greċja | KM27AW | 5 | 5 el Yagi $315^0$ |
| 70.070 | GW3MHW | Powys | IQ82IP | | Jaħdem matul is-sajf |
| 70.088 | I0XJ | Italja | JN61HV | 6 | 4 el Yagi $340^0$ |
| 70.109 | IZ1DYE | Italja | JN45AC | 1 | 3 el Yagi |
| 70.113 | 5B4CY | Ċipru | KM64FT | 10 | 6 el Yagi $315^0$ |
| 70.130 | EI4RF | Irlanda | IO63WD | 25 | 5 el Yagi $45^0$ u $135^0$ |
| 70.151 | LX0FOUR | Lussemburgu | JN39AV | 10 | Dipol |
| 70.166 | CS5BFM | Portugall | IM59QD | 10 | Dipol |
| 70.437 | MB7FM | Hertfordshire | IO91PS | 10 | Dipol ripetitur FM |
| 70.002 | ZS1FOR | Afrika t'Isfel | JF96FB | 15 | Dipol Vertikali |
| 70.010 | J5FOUR | Guinea Bissau | IK21EV | 20 | 4 el Yagi $20^0$ |
| 70.012 | OX4MB | Greenlandja | GP47TA | 25 | 5 el Yagi $90^0$ |
| 70.163 | CS3BFM | Madeira | IM12OR | 10 | 4 el Yagi |
| 70.165 | CU8B | Azores | HM48KL | | |
| 75.300 | ZD8DUB | Gżira Assenxen | II22TB | 8 | 4 el Yagi $340^0$ |

## Attivitajiet

### Attivita' għad-Dilettanti tar-Radju

**Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.**

**Ħriġna l-ewwel kopja tal-fuljetti li l-MARL kienet toħroġ fis-snin ta' qabel ħalli kull min irid ikun jista' jżomm kopja tagħhom u jkun jaf x'ġara matul is-snin.**

**Infakkarkom li nhar ta' Ħamis kull ħmistax, jiġifieri Ħamis iva u Ħamis le, qed issir ikla għal min ikun preżenti fiċ-Ċentru u m'huwiex fuq id-dieta jkun jista' jiekol bi ħlas żgħir. Għal aktar dettalji kellmu lil Joe, 9H1AJ.**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**